MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 549/2007

**Spinola Development Company Limited (C331)**

**Vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores li b'digriet tal-24 ta' Lulju 2006 gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lil assenti Anthony Peter u Angela konjugi Barnett flimkien u in solidum bejniethom**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** tas-socjeta` attrici datat 6 ta' Lulju 2007 fejn it-Tribunal intalab jikkundanna lill-konvenut noe. ihallas s-somma ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1500) bl-ispejjez u bl-imghax, rapprezentanti arretrati ta' "*common costs*" u "*energy consumption*", kif ukoll ta' xoghol "*extra*" maghmul fl-appartament taghhom f'Portomaso mis-socjeta` attrici fuq inkarigu taghhom, liema dejn huwa cert, likwidu u dovut minnhom li minkejja interpellati diversi drabi sabiex ihallsuh baqghu inadempjenti.

Ra r-**Risposta** tal-31 ta' Lulju 2007 tal-kuratur deputat fejn gie eccepit illi filwaqt li l-eccipjenti ma jafx bil-fatti li wasslu ghal din il-kawza hekk kif is-socjeta` attrici tghaddilu kull taghrif li ghandha , l-aktar l-indirizz ta' barra tal-konjugi Barnett – li ghalihom nhatar biex jidher – huwa ghamel hiltu kollha biex jaqbad maghhom biex jigbor it-taghrif mehtieg halli jikkontesta t-talba.

Ra d-dikjarazzjoni tal-konvenut noe. maghmula fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2007 fejn nforma lit-Tribunal illi kien ittanta jikkomunika mal-konvenuti assenti minn Malta pero` ma kien rcieva ebda risposta.

Sema` x-xhieda ta' Dr Karen Zammit Montebello in rapprezentanza tas-socjeta` attrici u ra' d-dokumenti minnha esebiti.

Ra illi fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2007 ghall-provi konvenuti, l-konvenut noe. ma` ressaq ebda provi u l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi t-talba attrici giet sostanzjata bix-xhieda ta' Dr Karen Zammit Montebello u d-dokumenti minnha esebiti.

Illi l-provi prodotti mis-socjeta` attrici ma humiex kontradetti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti assenti flimkien u in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef u erba' mija u erbgha u disghin Euro u sitt Euro centemzi (€3494.06) (Lm1500) kif mitlub, bl-ispejjes u bl-imghax wkoll kif mitlub, b'dan pero` illi d-drittijiet tal-kuratur deputat noe. jithallsu provvizorjament mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------